**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2022/0396(COD)**

20.7.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE (COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Virginie Joron(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura



*Magħquda fid-diversità*

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-mument tal-abbozzar ta' dan l-abbozz ta' opinjoni, id-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu allokati kompetenzi lill-Kumitat IMCO għadha ma tteħditx. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tirriżerva d-dritt li aktar 'il quddiem temenda l-proposta għal regolament.

Qabelxejn, ir-rapporteur tilqa' l-ambizzjoni tal-proposta fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi miġġieled l-iskart, jiġi protett l-ambjent u tiġi żviluppata ekonomija aktar ċirkolari. Temmen li l-industrija tabilħaqq trid tagħmel sforzi fir-rigward tal-imballaġġ u li jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet involuti fil-ġbir u r-riċiklaġġ kompetenti, iwaqqfu infrastrutturi xierqa, filwaqt li l-konsumaturi xorta jibqgħu responsabbli għal dak li jixtru u kif jagħżlu u jarmu l-imballaġġ.

Madankollu taqbel ma' xi riżervi li esprima l-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, imsemmija fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal regolament – riżervi li anki l-maġġoranza kbira ta' dawk li jaħdmu fis-settur jaqblu magħhom.

Sabiex din il-proposta għal regolament tilħaq għanijiet aktar realistiċi u b'hekk tinkoraġġixxi l-iżvilupp bla xkiel tas-settur tal-ipproċessar tal-iskart mill-imballaġġ, toħloq impjiegi lokali fis-settur u trawwem aktar innovazzjoni, ir-rapporteur tqis li jeħtieġ li jsiru sensiela ta' kjarifiki, b'mod partikolari:

- **Il-protezzjoni tal-konsumaturi**: ir-rapporteur tfakkar li l-konsumaturi għandhom rwol ewlieni fil-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart u temmen li l-Istati Membri għandhom ikomplu jwettqu inizjattivi biex jippromwovu għodod aċċessibbli u faċli biex jinftiehmu għall-konsumaturi biex jisseparaw u jarmu l-iskart tagħhom.

- **L-iffissar ta' skadenzi għall-adozzjoni tal-bosta atti delegati u ta' implimentazzjoni**: ir-rapporteur tfittex li tipprovdi ċertezza legali billi jiġu ffissati skadenzi ċari li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jantiċipaw b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet introdotti, bħal dawk relatati mar-rekwiżiti tal-kontenut riċiklat.

- **It-twaqqif ta' grupp ta' esperti permezz tal-"Forum dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ"**: ir-rapporteur tipproponi li jiġu involuti mhux biss ir-rappreżentanti tal-Istati Membri iżda wkoll is-settur kollu kkonċernat fid-definizzjoni, fost affarijiet oħra, tad-diversi għanijiet, eżenzjonijiet, kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ, jew perċentwali minimi ta' kontenut riċiklat.

- **Il-mikrointrapriżi u l-SMEs**: ir-rapporteur hija tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Artikolu 11 ma jwasslux għal piżijiet amministrattivi u ekonomiċi sproporzjonati għall-mikrointrapriżi u l-SMEs.

- **Il-kontenut minimu riċiklat fl-imballaġġ tal-plastik**: ir-rapporteur emendat il-proposta sabiex l-obbligu, b'mod partikolari dment li l-infrastruttura xierqa tkun fis-seħħ u operattiva, jiġi kkalkulat fuq il-medja tal-imballaġġ tal-plastik kollu mqiegħed fis-suq minn kull kumpanija, u mhux għal kull unità ta' imballaġġ.
- **L-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża**: għalkemm l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża

jista' jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-preservazzjoni ambjentali, huwa importanti li l-katina kollha tal-provvista għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża tkun sostenibbli. Ir-rapporteur tfakkar li l-produzzjoni ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża għandha titħeġġeġ fl-Unjoni u x-xiri ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża minn pajjiżi terzi għandu jinżamm għal minimu, filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi Ewropej. Il-prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi jridu jikkonformaw ukoll mal-qafas regolatorju Ewropew.

- **Ir-rekwiżiti tat-tikkettar**: ir-rapporteur tisħaq fuq l-importanza li jiġu rrispettati r-regoli speċifiċi fis-seħħ għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-proprjetà intellettwali. Hija tappoġġa wkoll l-enfasi fuq il-kodiċijiet QR u tipi oħra ta' mezzi ta' data diġitali.

- **Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti formati tal-imballaġġ**: ir-rapporteur tipproponi li dawn ir-restrizzjonijiet jiġu posposti sal-2030 sabiex l-operaturi ekonomiċi jingħataw iż-żmien li hija tqis li huwa neċessarju. Tipproponi wkoll li l-intrapriżi mikro u żgħar fis-settur tal-Horeca jiġu eżentati mir-restrizzjoni fuq l-użu ta' imballaġġ li jintuża darba għall-ikel u x-xorb.

- **Il-miri tal-użu mill-ġdid**: ir-rapporteur tqis li huwa meħtieġ li ċerti setturi ekonomiċi jiġu eżentati u li jiġu previsti biss skadenzi sal-2030 għall-oħrajn. Fil-fatt temmen li l-użu mill-ġdid għandu jkun ibbażat fuq analiżi komprensiva taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi differenti, u għaldaqstant tipprevedi eżenzjoni f'każ li formati alternattivi ta' imballaġġ jintwerew li joffru riżultati ambjentali, ekonomiċi, tas-saħħa u tal-iġjene aħjar u fuq il-bażi tal-prinċipju tal-ġerarkija tal-iskart.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tipproponi li d-dħul fis-seħħ ta' din il-proposta jiġi pospost sabiex jingħata aktar żmien lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi biex jadattaw għal dan il-qafas il-ġdid u l-leġiżlazzjoni sekondarja li takkumpanjah.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati u li dawn ikunu jistgħu jarmu kif xieraq l-iskart mill-imballaġġ, inklużi l-basktijiet tal-plastik ħfief u ħfief ħafna. L-aktar mod xieraq biex isir dan huwa li tiġi stabbilita sistema armonizzata ta' tikkettar ibbażata fuq il-kompożizzjoni tal-materjal tal-imballaġġ għas-separazzjoni tal-iskart, u li din tiġi kkombinata ma' tikketti korrispondenti dwar ir-reċipjenti tal-iskart. | (44) Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati ***b'mod ċar u li jinftiehem u li jkun kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà,*** u li dawn ikunu jistgħu jarmu kif xieraq l-iskart mill-imballaġġ, inklużi l-basktijiet tal-plastik ħfief u ħfief ħafna. L-aktar mod xieraq biex isir dan huwa li tiġi stabbilita sistema armonizzata ta' tikkettar ***bil-kulur*** ibbażata fuq il-kompożizzjoni tal-materjal tal-imballaġġ għas-separazzjoni tal-iskart, u li din tiġi kkombinata ma' tikketti ***bil-kulur*** korrispondenti dwar ir-reċipjenti tal-iskart. ***Il-ħtieġa li tali sistema armonizzata ta' tikkettar tiġi rikonoxxuta miċ-ċittadini kollha irrispettivament miċ-ċirkostanzi tagħhom jenħtieġ li tkun fattur ta' gwida fid-disinn tagħhom. Din tista' tinkiseb permezz tal-użu ta' pittogrammi mingħajr il-ħtieġa ta' test nazzjonali. Din għandha wkoll l-għan li tnaqqas kemm jista' jkun il-kostijiet għat-traduzzjoni tal-lingwa li inkella tkun meħtieġa . Is-sistema ta' tikkettar jenħtieġ li tinforma wkoll lill-konsumaturi dwar sustanzi fl-imballaġġ li jistgħu jkunu perikolużi, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-tikkettar CLP. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-għodod u l-inċentivi meħtieġa, inklużi dawk ekonomiċi, b'attenzjoni speċjali għall-intrapriżi mikro u żgħar.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44a) Is-separazzjoni hija pass essenzjali biex tiġi żgurata ċirkolarità akbar tal-imballaġġ. It-titjib tal-kapaċitajiet ta' separazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, jenħtieġ li jitħeġġeġ sabiex jippermetti kwalità aħjar ta' separazzjoni, u b'hekk kwalità aħjar ta' materja prima għar-riċiklaġġ.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Sabiex il-konsumaturi jiġu aġevolati fis-separazzjoni u fir-rimi tal-iskart mill-imballaġġ, jenħtieġ li tiġi introdotta sistema ta' simboli armonizzati u li tkun meħtieġa li titqiegħed kemm fuq l-imballaġġ kif ukoll fuq ir-reċipjenti tal-iskart, u b'hekk il-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu s-simboli għall-finijiet ***tar-rimi***. Is-simboli jenħtieġ li jippermettu mmaniġġar xieraq tal-iskart peress li jenħtieġ li jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni dwar il-proprjetajiet tal-kompostjar ta' imballaġġ bħal dan, b'mod partikolari biex jiġi evitat ***it-tfixkil għall-konsumatur*** li l-imballaġġ kompostabbli ma huwiex ***tali li jkun*** adatt għall-kompostjar fid-dar. Dan l-approċċ jenħtieġ li jtejjeb il-ġbir separat tal-iskart mill-imballaġġ, li jwassal għar-riċiklaġġ ta' kwalità ogħla tal-iskart mill-imballaġġ, u li jintroduċi livell ta' armonizzazzjoni tas-sistemi ta' ġbir tal-iskart mill-imballaġġ fis-suq intern. Jeħtieġ ukoll li jiġu armonizzati s-simboli assoċjati mas-sistemi obbligatorji ta' rifużjoni tad-depożitu. Meta | (45) Sabiex il-konsumaturi jiġu aġevolati fis-separazzjoni u fir-rimi tal-iskart mill-imballaġġ, jenħtieġ li tiġi introdotta sistema ta' simboli armonizzati u li tkun meħtieġa li titqiegħed kemm fuq l-imballaġġ kif ukoll fuq ir-reċipjenti tal-iskart, u b'hekk il-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu s-simboli għall-finijiet ***ta' rimi***. Is-simboli jenħtieġ li jippermettu mmaniġġar xieraq tal-iskart peress li jenħtieġ li jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni dwar il-proprjetajiet tal-kompostjar ta' imballaġġ bħal dan, b'mod partikolari biex jiġi evitat ***li l-konsumatur jitfixkel billi jaħseb*** li l-imballaġġ kompostabbli ma huwiex ***bħala tali*** adatt għall-kompostjar fid-dar. ***It-tikketta fuq l-imballaġġ jenħtieġ li tkun tinftiehem faċilment u mingħajr il-ħtieġa ta' test nazzjonali.*** Dan l-approċċ jenħtieġ li jtejjeb il-ġbir separat tal-iskart mill-imballaġġ, li jwassal għar-riċiklaġġ ta' kwalità ogħla tal-iskart mill-imballaġġ, u li jintroduċi livell ta' armonizzazzjoni tas-sistemi ta' ġbir tal-iskart mill-imballaġġ fis-suq intern. Jeħtieġ |

| | |
|---|---|
| jitqies li ma jinġabarx permezz tas-sistemi muniċipali tal-ġbir tal-iskart, l-użu ta' dawk is-simboli jenħtieġ li ma jkunx obbligatorju għall-imballaġġ għat-trasport bl-eċċezzjoni tal-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku. | ukoll li jiġu ***vvalutati l-possibbiltajiet li jiġu*** armonizzati s-simboli assoċjati mas-sistemi obbligatorji ta' rifużjoni tad-depożitu. Meta jitqies li ma jinġabarx permezz tas-sistemi muniċipali tal-ġbir tal-iskart, l-użu ta' dawk is-simboli jenħtieġ li ma jkunx obbligatorju għall-imballaġġ għat-trasport bl-eċċezzjoni tal-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku***, u għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Bl-istess mod, l-imballaġġ soġġett għal sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu jenħtieġ li jiġi identifikat b'mezzi li jindikaw il-parteċipazzjoni fis-sistema mingħajr il-ħtieġa li jindikaw il-kompożizzjoni tal-materjal.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) It-tikkettar tal-kontenut riċiklat fl-imballaġġ jenħtieġ li ***ma jkunx*** obbligatorju peress li din l-informazzjoni ***ma hijiex kritika biex jiġi żgurat it-trattament xieraq tat-tmiem tal-ħajja tal-imballaġġ***. ***Madankollu,*** il-manifatturi se jkunu meħtieġa jilħqu l-miri tal-kontenut riċiklat skont dan ir-Regolament u jistgħu jkunu jixtiequ juru dik l-informazzjoni fuq l-imballaġġ tagħhom biex jinformaw lill-konsumaturi dwar dan. Sabiex jiġi żgurat li din l-informazzjoni tiġi kkomunikata b'mod armonizzat madwar l-Unjoni, jenħtieġ li tikketta li tindika l-kontenut riċiklat tiġi armonizzata. | (46) It-tikkettar tal-kontenut riċiklat fl-imballaġġ jenħtieġ li ***jkun*** obbligatorju peress li din l-informazzjoni ***jista' jkollha impatt fuq id-deċiżjonijiet tax-xiri tal-konsumaturi***. Il-manifatturi se jkunu meħtieġa jilħqu l-miri tal-kontenut riċiklat skont dan ir-Regolament u jistgħu jkunu jixtiequ juru dik l-informazzjoni fuq l-imballaġġ tagħhom biex jinformaw lill-konsumaturi dwar dan. Sabiex jiġi żgurat li din l-informazzjoni tiġi kkomunikata b'mod armonizzat madwar l-Unjoni, jenħtieġ li tikketta li tindika l-kontenut riċiklat tiġi armonizzata. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Sabiex l-utenti finali jiġu infurmati dwar l-użu mill-ġdid, id-disponibbiltà tas-sistemi għall-użu mill-ġdid u l-post tal-punti tal-ġbir fir-rigward tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, jenħtieġ li imballaġġ bħal dan ikollu kodiċi ***QR*** jew mezz ieħor ta' data li jipprovdi informazzjoni bħal din**.** ***Il-kodiċi QR*** jenħtieġ li jiffaċilita wkoll it-traċċar u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża jenħtieġ li jiġi identifikat b'mod ċar fil-punt tal-bejgħ. | (47) Sabiex l-utenti finali jiġu infurmati dwar l-użu mill-ġdid, id-disponibbiltà tas-sistemi għall-użu mill-ġdid u l-post tal-punti tal-ġbir fir-rigward tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, jenħtieġ li imballaġġ bħal dan ikollu kodiċi ***li jinqara elettronikament*** jew mezz ieħor ta' data li jipprovdi informazzjoni bħal din***, li*** jenħtieġ li jiffaċilita wkoll it-traċċar u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża jenħtieġ li jiġi identifikat b'mod ċar fil-punt tal-bejgħ. ***Għal dan il-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu inċentivi, inklużi dawk ekonomiċi, speċjalment għall-mikrointrapriżi u l-SMEs.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu protetti minn informazzjoni qarrieqa u li toħloq konfużjoni dwar il-karatteristiċi tal-imballaġġ u t-trattament xieraq fi tmiem tal-ħajja tiegħu, li għalihom ġew stabbiliti tikketti armonizzati skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi identifikat l-imballaġġ inkluż fl-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur permezz ta' simbolu ta' akkreditazzjoni fit-territorju kollu ta' dik is-sistema. Dak is-simbolu jenħtieġ li jkun ċar u mhux ambigwu għall-konsumaturi jew għall-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà tal-imballaġġ. ***Għal dan il-għan, jista' jitqies li s-simbolu tat-Tikka Ħadra, li jintuża f'xi Stati Membri biex ifisser li produttur ikun ta kontribuzzjoni finanzjarja lil*** | (49) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu protetti minn informazzjoni qarrieqa u li toħloq konfużjoni dwar il-karatteristiċi tal-imballaġġ u t-trattament xieraq fi tmiem tal-ħajja tiegħu, li għalihom ġew stabbiliti tikketti armonizzati skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi identifikat l-imballaġġ inkluż fl-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur permezz ta' simbolu ta' akkreditazzjoni fit-territorju kollu ta' dik is-sistema. Dak is-simbolu ***armonizzat*** jenħtieġ li jkun ċar u mhux ambigwu għall-konsumaturi jew għall-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà tal-imballaġġ. |

***sistema nazzjonali ta' rkupru tal-imballaġġ[58], jista' jqarraq bil-konsumaturi b'mod li jaħsbu li l-imballaġġ li jkollu simbolu bħal dan dejjem ikun riċiklabbli.***

---

***58 https://www.pro-e.org/the-green-dot-trademark***

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Kull ***importatur jew distributur*** li jqiegħed fis-suq imballaġġ taħt l-isem jew it-trademark kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika prodott bħal dan b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata, jenħtieġ li jitqies bħala l-manifattur u jenħtieġ li jassumi l-obbligi tal-manifattur. | (58) Kull ***operatur ekonomiku għajr il-manifattur*** li jqiegħed fis-suq imballaġġ taħt l-isem jew it-trademark kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika prodott bħal dan b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata, jenħtieġ li jitqies bħala l-manifattur u jenħtieġ li jassumi l-obbligi tal-manifattur. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 98**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (98) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] jistabbilixxi r-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negozjanti, li jinkludu b'mod aktar speċifiku l-obbligi għall-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' ***produtturi*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni. Sabiex jiġi pprevenut l-approfittar mill-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li jiġi speċifikat kif fornituri ta' ***pjattaformi*** online bħal dawn | (98) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] jistabbilixxi r-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negozjanti, li jinkludu b'mod aktar speċifiku l-obbligi għall-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' ***negozjanti*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni. Sabiex jiġi pprevenut l-approfittar mill-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li jiġi speċifikat kif fornituri ta' ***swieq*** online ***u fornituri ta'*** |

jenħtieġ li jissodisfaw dawk l-obbligi fir-rigward tar-reġistri tal-produtturi tal-imballaġġ stabbiliti skont dan ir-Regolament. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-fornituri ta' ***pjattaformi*** online***, li jaqgħu fil-kamp*** ta' ***applikazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065*, *li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jiksbu minn dawk il-produtturi informazzjoni dwar il-konformità tagħhom mar-regoli*** estiżi dwar ir-responsabbiltà tal-produttur stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ir-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negozjanti li jbigħu l-imballaġġ online huma soġġetti għar-regoli ta' infurzar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2065.

***servizzi ta' ġestjoni*** bħal dawn jenħtieġ li jissodisfaw dawk l-obbligi fir-rigward tar-reġistri tal-produtturi tal-imballaġġ stabbiliti skont dan ir-Regolament. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-fornituri ta' ***swieq*** online ***u fornituri ta' servizzi*** ta' ***ġestjoni jkunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti*** estiżi dwar ir-responsabbiltà tal-produttur***, sakemm ma jkunux jistgħu jagħtu prova li n-negozjanti li joffru l-imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni jkunu qed jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli*** stabbiliti f'dan ir-Regolament ***qabel ma jqiegħdu dawn il-prodotti fis-suq jew jittrattaw dawn il-prodotti***. Ir-regoli dwar it-traċċabbiltà tan-negozjanti li jbigħu l-imballaġġ online huma soġġetti għar-regoli ta' infurzar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2065.

[66] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

[66] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 110**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (110) Id-Direttiva 94/62/KE tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina l-miri tar-riċiklaġġ tal-2030 għall-imballaġġ bl-għan li jinżammu jew, jekk ikun xieraq, jiżdiedu. Madankollu, għadu ma huwiex xieraq li jiġu emendati l-miri stabbiliti għall-2030 peress li l-evidenza turi li xi Stati Membri għad għandhom diffikultajiet biex jilħqu l-miri eżistenti. Minħabba din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri li jħeġġu lill-manifatturi jqiegħdu fis-suq imballaġġ aktar riċiklabbli, u b'hekk jgħinu lill-Istati | (110) Id-Direttiva 94/62/KE tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina l-miri tar-riċiklaġġ tal-2030 għall-imballaġġ bl-għan li jinżammu jew, jekk ikun xieraq, jiżdiedu. Madankollu, għadu ma huwiex xieraq li jiġu emendati l-miri stabbiliti għall-2030 peress li l-evidenza turi li xi Stati Membri għad għandhom diffikultajiet biex jilħqu l-miri eżistenti. Minħabba din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri li jħeġġu lill-manifatturi jqiegħdu fis-suq imballaġġ aktar riċiklabbli, u b'hekk jgħinu lill-Istati |

| | |
|---|---|
| Membri jiksbu l-miri tar-riċiklaġġ. Fil-futur, jenħtieġ li jiġi rrapportat lill-Kummissjoni imballaġġ aktar riċiklabbli, flimkien ma' granularità akbar tad-data dwar il-flussi tal-imballaġġ. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tirrieżamina l-miri bil-possibbiltà li jinżammu jew jiżdiedu. Sabiex jitqies l-effett tal-miżuri li għandhom l-għan li jtejbu r-riċiklabbiltà tal-imballaġġ, ir-rieżami jenħtieġ li ma jseħħx qabel l-evalwazzjoni ġenerali prevista tar-Regolament, jiġifieri ***8*** snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Matul dak ir-rieżami, jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll għall-possibbiltà li jiġu introdotti miri ġodda fuq bażi aktar granulari mill-miri attwali. | Membri jiksbu l-miri tar-riċiklaġġ. Fil-futur, jenħtieġ li jiġi rrapportat lill-Kummissjoni imballaġġ aktar riċiklabbli, flimkien ma' granularità akbar tad-data dwar il-flussi tal-imballaġġ. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tirrieżamina l-miri bil-possibbiltà li jinżammu jew jiżdiedu. Sabiex jitqies l-effett tal-miżuri li għandhom l-għan li jtejbu r-riċiklabbiltà tal-imballaġġ, ir-rieżami jenħtieġ li ma jseħħx qabel l-evalwazzjoni ġenerali prevista tar-Regolament, jiġifieri ***6*** snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Matul dak ir-rieżami, jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll għall-possibbiltà li jiġu introdotti miri ġodda fuq bażi aktar granulari mill-miri attwali. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 123a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(123a) Meta jiddeċiedu dwar liema kontrolli għandhom iwettqu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskji filwaqt li jqisu fatturi bħar-riskji li jiġu ċirkomvenzjonati r-rekwiżiti f'dan ir-Regolament, in-natura u l-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ, it-tul u l-kumplessità tal-katina tal-valur tal-imballaġġ, ir-rekord tal-passat rigward in-nuqqas ta' konformità tal-operatur ekonomiku, jew l-ilmenti tal-konsumaturi u informazzjoni oħra riċevuta minn awtoritajiet oħra, operaturi ekonomiċi, midja u sorsi oħra li jistgħu jindikaw nuqqas ta' konformità.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 124**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (124) L-imballaġġ jenħtieġ li jitqiegħed fis-suq biss jekk ma jkunx ta' riskju magħruf għall-ambjent ***u*** għas-saħħa tal-bniedem. Sabiex ikun hemm allinjament aħjar man-natura speċifika tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u biex jiġi żgurat li l-enfasi tal-isforzi tas-sorveljanza tas-suq tkun fuq in-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti bħal dawn, jenħtieġ li l-imballaġġ li jippreżenta riskju, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jiġi definit bħala imballaġġ li, billi ma jikkonformax mar-rekwiżit tas-sostenibbiltà jew minħabba li l-operatur ekonomiku responsabbli ma jikkonformax mar-rekwiżit tas-sostenibbiltà, jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ambjent jew interessi pubbliċi oħra protetti mir-rekwiżiti rilevanti. | (124) L-imballaġġ jenħtieġ li jitqiegħed fis-suq biss jekk ma jkunx ta' riskju magħruf għall-ambjent ***jew*** għas-saħħa tal-bniedem ***jew tal-annimali***. Sabiex ikun hemm allinjament aħjar man-natura speċifika tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u biex jiġi żgurat li l-enfasi tal-isforzi tas-sorveljanza tas-suq tkun fuq in-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti bħal dawn, jenħtieġ li l-imballaġġ li jippreżenta riskju, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jiġi definit bħala imballaġġ li, billi ma jikkonformax mar-rekwiżit tas-sostenibbiltà jew minħabba li l-operatur ekonomiku responsabbli ma jikkonformax mar-rekwiżit tas-sostenibbiltà, jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ambjent jew interessi pubbliċi oħra protetti mir-rekwiżiti rilevanti. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 125**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (125) Jenħtieġ li teżisti proċedura li taħtha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri maħsuba li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-imballaġġ li jippreżenta riskju. Din jenħtieġ li tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' imballaġġ bħal dan. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tiddetermina jekk il-miżuri nazzjonali fir-rigward ta' prodotti mhux konformi | (125) Jenħtieġ li teżisti proċedura li taħtha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri maħsuba li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-imballaġġ li jippreżenta riskju. ***Jenħtieġ li d-dritt ta' smigħ għall-operatur ekonomiku u l-prinċipju ta' proċess ġust dejjem jiġu rrispettati.*** Din ***il-proċedura*** jenħtieġ li tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' imballaġġ bħal dan. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex |

| | |
|---|---|
| humiex iġġustifikati jew le. | tiddetermina jekk il-miżuri nazzjonali fir-rigward ta' prodotti mhux konformi humiex iġġustifikati jew le. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 127**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (127) F'każ ta' tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem, is-sorveljanza tas-suq ma għandhiex tevalwa r-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li joriġina mill-materjal tal-imballaġġ, jekk jiġi ttrasferit għall-kontenut fl-imballaġġ tal-materjal tal-imballaġġ, iżda twissi lill-awtoritajiet, kompetenti għall-kontroll tar-riskji u maħtura skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[74], ir-Regolament (UE) 2017/745, ir-Regolament (UE) 2017/746, id-Direttiva 2001/83/KE jew ir-Regolament (UE) 2019/6. | (127) F'każ ta' tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem, is-sorveljanza tas-suq ma għandhiex tevalwa r-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li joriġina mill-materjal tal-imballaġġ, jekk jiġi ttrasferit għall-kontenut fl-imballaġġ tal-materjal tal-imballaġġ, iżda twissi ***mingħajr dewmien mhux dovut*** lill-awtoritajiet, kompetenti għall-kontroll tar-riskji u maħtura skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[74], ir-Regolament (UE) 2017/745, ir-Regolament (UE) 2017/746, id-Direttiva 2001/83/KE jew ir-Regolament (UE) 2019/6. |
| [74] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id- | [74] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id- |

| | |
|---|---|
| Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1). | Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1). |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifatturi, il-fornituri ta' imballaġġ, l-importaturi, id-distributuri, id-distributuri finali, ***u l-fornituri*** tas-servizzi ta' ġestjoni; | (8) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifatturi, il-fornituri ta' imballaġġ, l-importaturi, id-distributuri, id-distributuri finali, ***il-fornituri*** tas-servizzi ta' ġestjoni ***u r-rappreżentanti awtorizzati***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "produttur" tfisser kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz tal-kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE, jqiegħed l-imballaġġ għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru fuq bażi professjonali f'ismu jew bit-trademark tiegħu stess; | (10) "produttur" tfisser kwalunkwe ***persuna fiżika jew legali,*** manifattur***, impriża tal-mili***, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz tal-kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE, jqiegħed l-imballaġġ ***jew prodott fl-imballaġġ*** għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru fuq bażi professjonali f'ismu jew bit-trademark tiegħu stess; |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) ***“pjattaforma*** online” tfisser ***il-pjattaforma*** online kif definit fl-Artikolu 3***(i)*** tar-Regolament (UE) ***2022/2065***; | (59) ***“fornituri ta’ swieq*** online” tfisser ***fornituri ta’ swieq*** online kif definit fl-Artikolu 3***, il-punt 14,*** tar-Regolament (UE) ***2023/988***; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***42*** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-imballaġġ għandu jiġi mmarkat b’tikketta li jkun fiha ***l-informazzjoni*** dwar il-kompożizzjoni ***materjali*** tiegħu. Dan l-obbligu ma japplikax għall-imballaġġ għat-trasport. Madankollu, dan japplika għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku. | Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] ***jew jekk ikun hemm dewmien fl-adozzjoni tal-atti ta’ implimentazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, 24 xahar wara l-adozzjoni ta’ tali atti ta’ implimentazzjoni***, l-imballaġġ għandu jiġi mmarkat b’tikketta li ***għandha tinftiehem faċilment biex tiffaċilita s-separazzjoni mill-konsumatur, li*** jkun fiha ***informazzjoni*** dwar il-kompożizzjoni ***tal-materjal*** tiegħu***, ir-riċiklabbiltà, kif ukoll dwar il-preżenza ta’ sustanzi ta’ tħassib. Din it-tikketta għandu jkollha l-għan li tipprovdi informazzjoni uniformi u li tinftiehem għall-konsumaturi kollha, inkluż għall-persuni b’diżabbiltà***. Dan l-obbligu ma japplikax għall-imballaġġ ***kopert minn sistema ta’ rifużjoni tad-depożitu jew għall-imballaġġ*** għat-trasport***, u għall-imballaġġ li jista’ jerġa’ jintuża mqiegħed fis-suq qabel 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament***. Madankollu, dan japplika għall-imballaġġ tal-kummerċ elettroniku. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-imballaġġ soġġett għas-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu ***imsemmija*** fl-Artikolu 44(1) għandu, minbarra ***t-tikkettar*** imsemmi fl-ewwel subparagrafu, jiġi mmarkat b'tikketta armonizzata stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont il-paragrafu 5. | L-imballaġġ soġġett għas-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu ***msemmija*** fl-Artikolu 44(1) ***u stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*** għandu, ***b'deroga*** minbarra ***għat-tikkettar*** imsemmi fl-ewwel subparagrafu, jiġi mmarkat b'tikketta ***bil-kulur*** armonizzata stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont il-paragrafu 5. ***L-informazzjoni dwar it-tikkettar relatata mal-imballaġġ għandha taħdem bir-rekwiżiti tat-tikkettar CLP relatati mal-periklu u s-sikurezza. Għalhekk, għandu jkun ċar liema tikketta tirreferi għall-imballaġġ u liema hija relatata mal-prodott ġewwa l-imballaġġ. It-tikkettar kollu jrid ikun viżibbli b'mod ċar, faċli biex jinqara u kompletament aċċessibbli mill-persuni b'diżabbiltà.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***48*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-imballaġġ għandu jkollu tikketta dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ ***u l-kodiċi*** QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ inkluż id-disponibbiltà ***tas-sistema*** għall-użu mill-ġdid u ***tal-punti*** tal-ġbir, u ***dan*** jiffaċilita t-traċċar tal-imballaġġ u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża għandu jiġi identifikat b'mod ċar u distint mill-imballaġġ li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ. | 2. Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***42*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ***jew jekk ikun hemm dewmien fl-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, 30 xahar wara l-adozzjoni ta' tali atti ta' implimentazzjoni***, l-imballaġġ ***li jista' jerġa' jintuża u mqiegħed fis-suq*** għandu jkollu tikketta dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ**.** ***Informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid tista' ssir disponibbli permezz ta' kodiċi*** QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali li jipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar l-użu mill-ġdid ***u r-riċiklabbiltà*** tal-imballaġġ inkluż id-disponibbiltà ***ta' sistema*** għall-użu mill-ġdid u ***ta' punti*** tal-ġbir, u ***dak*** jiffaċilita t-traċċar tal-imballaġġ u l-kalkolu tal-vjaġġi u tar-rotazzjonijiet ***kif*** |

| | |
|---|---|
| | ***ukoll juża dikjarazzjonijiet statistiċi bbażati fuq data tal-inventarju***. Barra minn hekk, l-imballaġġ għall-bejgħ li jista' jerġa' jintuża għandu jiġi identifikat b'mod ċar u distint mill-imballaġġ li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta unità tal-imballaġġ koperta mill-Artikolu 7 tkun immarkata b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut riċiklat, dik it-tikketta ***għandha tikkonforma*** mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5) u ***għandha tkun ibbażata*** fuq il-metodoloġija skont l-Artikolu 7(7). Meta unità tal-imballaġġ tal-plastik tkun immarkata b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut tal-plastik b'bażi bijoloġika, dik it-tikketta għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5). | 3. Meta unità tal-imballaġġ koperta mill-Artikolu 7 tkun immarkata b'tikketta li jkun fiha informazzjoni ***rilevanti għall-konsumatur*** dwar is-sehem tal-kontenut riċiklat ***minn skart tal-plastik ta' wara l-konsum***, dik it-tikketta ***u kodiċi QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali għandhom jikkonformaw*** mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5) u ***għandhom ikunu bbażati*** fuq il-metodoloġija skont l-Artikolu 7(7)***. L-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 11(5) għandu jipprovdi qafas speċifiku li skontu għandu jiġi kkomunikat kontenut riċiklat traċċat permezz tal-bilanċ tal-massa***. Meta unità tal-imballaġġ tal-plastik tkun immarkata b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-kontenut tal-plastik b'bażi bijoloġika, dik it-tikketta għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont l-Artikolu 11(5). |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a.	L-imballaġġ imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, immanifatturat jew importat qabel dawn l-iskadenzi, jista' jiġi kkummerċjalizzat sa tmiem il-ħajja tiegħu.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-tikketti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 u l-kodiċi QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali msemmi ***fil-paragrafu*** 2 ***għandhom jiġu introdotti***, jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, li jinqraw b'mod ċar u li ma jitħassarx fuq l-imballaġġ. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx approvat minħabba n-natura u d-daqs tal-imballaġġ, għandhom jitwaħħlu fuq l-imballaġġ kollettiv. | It-tikketti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 u l-kodiċi QR jew tip ieħor ta' mezz tad-data diġitali msemmi ***fil-paragrafi*** 2 ***sa 3 għandhom jitqiegħdu***, jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, li jinqraw b'mod ċar u li ma jitħassarx fuq l-imballaġġ***, jew tikketta li tkun stiker biex tibqa' mwaħħla fuq l-imballaġġ sakemm jiġi rikondizzjonat***. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx approvat minħabba n-natura u d-daqs tal-imballaġġ ***jew minħabba rekwiżiti obbligatorji oħra tat-tikkettar stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE***, għandhom jitwaħħlu fuq l-imballaġġ kollettiv ***jew ipprovduti permezz ta' mezzi diġitali***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fejn l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi f'konformità mal-paragrafi 2 sa 3, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:***<br>***(a)	data personali adegwata u rilevanti tista' tinġabar biss għall-fini*** |

| | |
|---|---|
| | ***limitat li l-utent jingħata aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-konformità msemmija fil-paragrafi 2 sa 3 (fir-rigward tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/679)*** |
| | ***(b) l-informazzjoni ma għandhiex tintwera ma' informazzjoni oħra maħsuba għal finijiet ta' bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-kumpaniji mikro kif definiti fl-Artikolu 22(3), huma eżentati mill-obbligi ta' dan il-paragrafu.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18***-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tikketta u speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti u għall-formati tat-tikkettar għat-tikkettar tal-imballaġġ imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3 u għat-tikkettar tar-reċipjenti tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 12. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). | 5. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***12***-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi tikketta u speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti u għall-formati tat-tikkettar għat-tikkettar tal-imballaġġ imsemmi fil-paragrafi 1 sa 3 u għat-tikkettar tar-reċipjenti tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 12. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 permezz tat-teknoloġiji diġitali tal-immarkar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). | 6. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = ***12-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-kompożizzjoni materjali tal-imballaġġ imsemmija fil-paragrafu 1 permezz tat-teknoloġiji diġitali tal-immarkar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li jikkonċernaw tikketti armonizzati oħra tal-UE, ***l-operaturi ekonomiċi*** ma għandhomx jipprovdu jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet li x'aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà għall-imballaġġ, karatteristiċi oħra tal-imballaġġ jew għażliet oħra ta' mmaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, li għalihom ġie stabbilit tikkettar armonizzat f'dan ir-Regolament. | 7. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li jikkonċernaw tikketti armonizzati oħra tal-UE, ***l-Istati Membri*** ma għandhomx ***jirrikjedu, u lanqas l-operaturi ekonomiċi*** jipprovdu jew juru**,** tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet li x'aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà għall-imballaġġ, karatteristiċi oħra tal-imballaġġ jew għażliet oħra ta' mmaniġġar tal-iskart mill-imballaġġ, li għalihom ġie stabbilit tikkettar armonizzat f'dan ir-Regolament.<br>***Minn ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta gwida rigward aspetti li x'aktarx iqarrqu jew iħawdu lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-imballaġġ inkluż fl-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew kopert minn sistema ta' rifużjoni tad-depożitu għajr dik imsemmija fl-Artikolu 44(1) jista' jiġi identifikat permezz ***tas-simbolu korrispondenti fit-territorju kollu*** li ***fih tapplika dik l-iskema*** jew ***sistema***. Dak is-simbolu għandu jkun ċar u mhux ambigwu u ma għandux iqarraq lill-konsumaturi jew lill-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà jew l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. | 8. L-imballaġġ inkluż fl-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jew kopert minn sistema ta' rifużjoni tad-depożitu għajr dik imsemmija fl-Artikolu 44(1) jista' jiġi identifikat ***biss*** permezz ***ta' pittogramma tal-UE armonizzata,*** li ***tista' tintwera permezz ta' tikketta diġitali, bħal kodiċi QR, mezz tad-data*** jew ***f'dokumenti ta' akkumpanjament oħra***. Dak is-simbolu għandu jkun ċar u mhux ambigwu u ma għandux iqarraq lill-konsumaturi jew lill-utenti fir-rigward tar-riċiklabbiltà jew l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Forum dwar l-Imballaġġ*** |
| | ***Għat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-Kapitolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura parteċipazzjoni wiesgħa u bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet rilevanti kollha involuti fl-industrija tal-imballaġġ, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija tat-trattament tal-iskart, il-manifatturi u l-fornituri tal-imballaġġ, id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, l-SMEs, il-gruppi tal-protezzjoni ambjentali, l-Organizzazzjonijiet b'Kompetenza fil-Qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PROs) u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' esperti, imsejjaħ Forum dwar l-Imballaġġ, li dawk il-partijiet għandhom jiltaqgħu fih regolarment, fid-dawl tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VII u d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-imballaġġ ikun ġie introdott fis-suq. | 3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VII u d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-imballaġġ ikun ġie introdott fis-suq ***u jagħmlu tali dokumentazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu***. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkollhom il-proċeduri stabbiliti biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' tikkonforma ma' dan ir-Regolament. Il-bidliet fid-disinn tal-imballaġġ jew fil-karatteristiċi, kif ukoll il-bidliet fl-istandards armonizzati, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità jew li permezz tagħhom tiġi vverifikata l-konformità tiegħu, għandhom jitqiesu b'mod adegwat mill-manifatturi. F'każ li l-manifatturi jsibu li l-konformità tal-imballaġġ tista' tiġi affettwata, huma għandhom iwettqu valutazzjoni mill-ġdid f'konformità mal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità speċifikata fl- | 4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkollhom il-proċeduri stabbiliti biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' tikkonforma ma' dan ir-Regolament. Il-bidliet fid-disinn tal-imballaġġ jew fil-karatteristiċi, kif ukoll il-bidliet fl-istandards armonizzati, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità jew li permezz tagħhom tiġi vverifikata l-konformità tiegħu, għandhom jitqiesu b'mod adegwat mill-manifatturi. F'każ li l-manifatturi jsibu li l-konformità tal-imballaġġ tista' tiġi affettwata, huma għandhom iwettqu ***mingħajr dewmien mhux dovut*** valutazzjoni mill-ġdid f'konformità mal-proċedura tal- |

| | |
|---|---|
| Artikolu 33 u fl-Anness VII, jew jaraw li din titwettaq f'isimhom. | valutazzjoni tal-konformità speċifikata fl-Artikolu 33 u fl-Anness VII, jew jaraw li din titwettaq f'isimhom. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-imballaġġ ikollu n-numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tiegħu, jew, meta d-daqs jew in-natura tal-imballaġġ ma tippermettix dan, li l-informazzjoni meħtieġa hi pprovduta f'dokument li jakkumpanja ***l-prodott fl-imballaġġ***. | 5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-imballaġġ ikollu n-numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tiegħu, jew, meta d-daqs jew in-natura tal-imballaġġ ma tippermettix dan, li l-informazzjoni meħtieġa hi pprovduta f'dokument li jakkumpanja ***l-imballaġġ***. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Fir-rigward ta' dan ir-Regolament, għall-prodotti mediċinali kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (2), tad-Direttiva 2001/83/KE, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkun responsabbli għall-informazzjoni pprovduta, f'konformità mal-Artikolu 6(1a) tad-Direttiva 2001/83/KE.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li | 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li |

l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafi 5 u 6 tkun ċara, tinftiehem u tista' tinqara, u ma tissostitwixxix, ma toskurax jew tista' tiġi mfixkla mal-informazzjoni meħtieġa minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar it-tikkettar tal-prodott fl-imballaġġ.

l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafi 5 u 6 tkun ċara, tinftiehem u tista' tinqara***, u tkun aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà***, u ma tissostitwixxix, ma toskurax jew tista' tiġi mfixkla mal-informazzjoni meħtieġa minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar it-tikkettar tal-prodott fl-imballaġġ.

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li imballaġġ li huma jkunu ***introduċu*** fis-suq ma jkunx konformi ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-imballaġġ isir konformi, jirtirawh jew ***isejjħuh*** lura, kif xieraq. Il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-imballaġġ għad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. | 8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li imballaġġ li huma jkunu ***introduċew*** fis-suq ***wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*** ma jkunx konformi ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-imballaġġ isir konformi, jirtirawh jew ***isejħuh*** lura, kif xieraq. Il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih ***lid-distributuri tagħhom u*** lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-imballaġġ għad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Il-manifatturi għandhom jistabbilixxu mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku bħal numru tat-telefon, indirizz elettroniku jew taqsima ddedikata tas-sit web tagħhom,*** |

| | |
|---|---|
| | ***filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, sabiex jippermettu lill-utenti finali jressqu lmenti jew tħassib rigward in-nonkonformità potenzjali tal-imballaġġ.*** |
| | ***Il-manifatturi għandhom jieħdu l-miżuri xierqa meta jqisu li jkun hemm każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u jinfurmaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Il-manifatturi għandhom iżommu reġistru tal-ilmenti u tat-tħassib biss sakemm ikun meħtieġ għall-fini ta' dan ir-Regolament u jagħmluh disponibbli fuq talba minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq. Id-data personali maħżuna fir-reġistru intern tal-ilmenti għandha tkun biss dik id-data personali li hija meħtieġa għall-manifattur biex jinvestiga l-ilment.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 9b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9b. Jekk il-manifatturi jonqsu b'mod sinifikanti milli jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti ma jkunux kompluti jew korretti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati, inkluż li jirtiraw l-imballaġġ rilevanti mis-suq sakemm il-manifattur jikkoopera jew jipprovdi informazzjoni kompluta u korretta.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 9c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9c. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 6 ma għandhomx japplikaw għall-imballaġġ għat-trasport tad-dwana għal apparati u sistema konfigurabbli, li huma destinati biex jintużaw f'ambjenti industrijali u tal-kura tas-saħħa.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat biex minn tal-anqas jagħmel dan li ġej: | 2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. ***Għandu jgħaddi kopja tal-mandat lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'każ li tintalab.*** Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat biex minn tal-anqas jagħmel dan li ġej: |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jinforma lill-manifattur jekk ir-rappreżentant awtorizzat ikollu raġuni ċara biex jemmen li imballaġġ ma jkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) itemm il-mandat jekk il-manifattur jaġixxi b'mod kuntrarju għall-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament. | (e) itemm il-mandat jekk il-manifattur jaġixxi b'mod kuntrarju għall-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament ***u jinforma lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit mingħajr dewmien mhux dovut***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-importaturi għandhom biss jintroduċu fis-suq l-imballaġġ li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikoli 5 sa 11. | 1. L-importaturi għandhom biss jintroduċu fis-suq l-imballaġġ li jkun konformi mar-rekwiżiti ***applikabbli*** tal-Artikoli 5 sa 11. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 3 tkun ċara, tinftiehem u tista' tinqara, u ma tissostitwixxix, ma toskurax u ma tkunx tista' tiġi mfixkla mal-informazzjoni meħtieġa minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar it-tikkettar tal-prodott fl-imballaġġ. | 4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 3 tkun ċara, tinftiehem u tista' tinqara ***u tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà***, u ma tissostitwixxix, ma toskurax u ma tkunx tista' tiġi mfixkla mal-informazzjoni meħtieġa minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar it-tikkettar tal-prodott fl-imballaġġ. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu ***jitqiegħdu*** għad-dispożizzjoni ***l-imballaġġ*** dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. | 7. L-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu ***qiegħdu l-imballaġġ*** għad-dispożizzjoni ***kif ukoll lill-manifattur u, meta applikabbli, lir-rappreżentant awtorizzat,*** dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11. | 10. L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ***applikabbli*** stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. L-importaturi għandhom jivverifikaw jekk il-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(9a) humiex pubblikament disponibbli għall-konsumaturi li jippermettulhom jippreżentaw ilmenti jew tħassib rigward in-nuqqas potenzjali ta' konformità tal-imballaġġ. Jekk tali mezzi ma jkunux disponibbli, l-importaturi għandhom jippreveduhom, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 10b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10 b. Id-data personali maħżuna fir-reġistru intern tal-ilmenti għandha tkun biss dik id-data personali li hija meħtieġa għall-manifattur biex jinvestiga l-ilment.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 10c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10 c. Jekk l-importaturi jonqsu b'mod sinifikanti milli jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew jekk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti ma jkunux kompluti jew korretti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jipprojbixxu jew jillimitaw l-imballaġġ tagħhom milli jkun disponibbli fis-suq, biex jirtirawh mis-suq jew isejħuh lura sakemm l-importaturi jikkooperaw jew jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-produttur, li huwa soġġett għall-obbligi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-imballaġġ huwa rreġistrat fir-reġistru tal-produtturi msemmi fl- | (a) il-produttur, li huwa soġġett għall-obbligi dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-imballaġġ huwa rreġistrat fir-reġistru tal-produtturi msemmi fl- |

| | |
|---|---|
| Artikolu ***40***; | Artikolu ***39***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta distributur, qabel ma jqiegħed l-imballaġġ is-suq, iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li l-imballaġġ ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 jew li l-manifattur ma jkunx qiegħed jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti applikabbli, id-distributur ma għandux iqiegħed l-imballaġġ fis-suq sakemm dan ikun sar konformi jew sakemm il-manifattur jikkonforma. | Meta distributur, qabel ma jqiegħed l-imballaġġ is-suq, iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li l-imballaġġ ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 jew li l-manifattur ma jkunx qiegħed jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti applikabbli, id-distributur ma għandux iqiegħed l-imballaġġ fis-suq sakemm dan ikun sar konformi jew sakemm il-manifattur jikkonforma. ***Kwalunkwe informazzjoni żvelata mill-manifattur lid-distributur ma għandhiex tintuża mid-distributur għal xi fini oħra ħlief biex jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bl-Istati Membri li fihom huma jkunu qiegħdu l-imballaġġ għad-dispożizzjoni, dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. | Id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bl-Istati Membri li fihom huma jkunu qiegħdu l-imballaġġ għad-dispożizzjoni ***kif ukoll lill-manifattur u, meta applikabbli, lir-rappreżentant awtorizzat***, dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jiżguraw l, il-kundizzjonijiet waqt il-ħżin, l-immaniġġar u l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ tal-imballaġġ li jimmaniġġaw ma jipperikolawx il-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11. | Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jiżguraw l, il-kundizzjonijiet waqt il-ħżin, l-immaniġġar u l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ tal-imballaġġ li jimmaniġġaw ma jipperikolawx il-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti ***applikabbli*** stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 18a*** |
| | ***L-bbligi tal-fornituri ta' swieq online*** |
| | ***Il-fornituri ta' swieq online għandhom jikkonformaw mingħajr dewmien mhux dovut mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2065 rigward ir-regolament dwar l-imballaġġ, u jiżguraw li jkollhom proċessi interni fis-seħħ għall-konformità.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Każ li fih l-obbligi tal-manifatturi japplikaw ***għall-importaturi u għad-distributuri*** | Każ li fih l-obbligi tal-manifatturi japplikaw ***għal operaturi ekonomiċi oħra*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Importatur jew distributur*** għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi ***tal-manifatturi*** skont l-Artikolu ***14***, meta ***dawn ikunu introduċew*** imballaġġ fis-suq ***f'isimhom*** jew bit-trademark ***tagħhom*** jew ***jimmodifikaw*** l-imballaġġ li jkun diġà ġie introdott fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament. | ***Operatur ekonomiku għajr il-manifattur*** għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi ***tal-manifattur*** skont l-Artikolu ***13***, meta ***dan jintroduċi*** imballaġġ fis-suq ***f'ismu*** jew bit-trademark ***tiegħu*** jew ***jimmodifika*** l-imballaġġ li jkun diġà ġie introdott fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta jfassal id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. | 4. Meta jfassal id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, il-manifattur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-imballaġġ mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ***u mal-atti kollha tal-Unjoni applikabbli***. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fornituri ***tal-pjattaformi*** online, ***li jaqgħu fil-kamp*** ta' ***applikazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065***, li ***jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi għandhom jiksbu l-informazzjoni li ġejja mingħand il-produtturi*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni: | 3. Il-fornituri ***ta' swieq*** online, ***kif ukoll il-fornituri ta' servizzi*** ta' ***ġestjoni, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu***, ***sakemm ma jkunux jistgħu jagħtu prova*** li ***n-negozjanti, qabel ma jippermettulhom jikkonkludu bejgħ fuq il-pjattaforma tagħhom jew jużaw is-servizzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħhom*** li joffru imballaġġ lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni***, ikunu jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti billi jiksbu***: |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-awtoċertifikazzjoni*** mill-produttur li jimpenja ruħu li joffri biss imballaġġ li fir-rigward tiegħu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-konsumatur. | (b) ***l-informazzjoni dwar il-konformità ma' awtoċertifikazzjoni*** mill-produttur li jimpenja ruħu li joffri biss imballaġġ li fir-rigward tiegħu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-konsumatur. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Malli jirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u qabel ma jħalli lill-produttur ikkonċernat juża s-servizzi tiegħu, il-fornitur ta' swieq online għandu jivvaluta jekk l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) hijiex affidabbli u kompluta.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1020, meta l- | Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/1020, meta l- |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta’ Stat Membru ***partikolari jkollhom*** raġuni suffiċjenti biex jemmnu li l-imballaġġ kopert minn dan ir-Regolament jippreżenta riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tal-imballaġġ ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f’dan ir-Regolament li huma rilevanti għar-riskju. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. | awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta’ Stat Membru ***wieħed ikollhom*** raġuni suffiċjenti biex jemmnu li l-imballaġġ kopert minn dan ir-Regolament jippreżenta riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem ***jew tal-annimali***, għandhom***, mingħajr dewmien mhux dovut,*** iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tal-imballaġġ ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f’dan ir-Regolament li huma rilevanti għar-riskju. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Matul l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw l-oġġezzjonijiet imqajma mill-operaturi ekonomiċi.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B’deroga mill-paragrafu 1, f’każ ta’ riskju li jkun hemm tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem b’rabta mal-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv soġġett għal-leġiżlazzjoni speċifika li għandha l-għan li tħares is-saħħa tal-bniedem, l-awtoritajiet tas-sorveljanza ma għandhomx jevalwaw ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li joriġina mill-materjal tal-imballaġġ, jekk dan jiġi ttrasferit fil-kontenut fl-imballaġġ tal-materjal tal- | 2. B’deroga mill-paragrafu 1, f’każ ta’ riskju li jkun hemm tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem b’rabta mal-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv soġġett għal-leġiżlazzjoni speċifika li għandha l-għan li tħares is-saħħa tal-bniedem, l-awtoritajiet tas-sorveljanza ma għandhomx jevalwaw ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li joriġina mill-materjal tal-imballaġġ, jekk dan jiġi ttrasferit fil-kontenut fl-imballaġġ tal-materjal tal- |

| | |
|---|---|
| imballaġġ, iżda javżaw lill-awtoritajiet kompetenti għall-kontroll ta' dawk ir-riskji. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu l-awtoritajiet kompetenti msemmija fir-Regolament (UE) 2017/625, fir-Regolament (UE) 2017/745, fir-Regolament (UE) 2017/746, fid-Direttiva 2001/83/KE jew fir-Regolament (UE) 2019/6. | imballaġġ, iżda ***mingħajr dewmien dovut*** javżaw lill-awtoritajiet kompetenti għall-kontroll ta' dawk ir-riskji. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu l-awtoritajiet kompetenti msemmija fir-Regolament (UE) 2017/625, fir-Regolament (UE) 2017/745, fir-Regolament (UE) 2017/746, fid-Direttiva 2001/83/KE jew fir-Regolament (UE) 2019/6. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 52, Stat Membru jsib li għalkemm l-imballaġġ ikun f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11, joħloq riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, dan għandu jirrikjedi mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri kollha xierqa f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jkunu proporzjonati għan-natura tar-riskju u, meta rilevanti, il-grad tar-riskju, biex jiżgura li l-imballaġġ ikkonċernat, meta introdott fis-suq, ma jibqax joħloq riskju, biex jirtira l-imballaġġ mis-suq jew isejjħu lura. | 1. Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 52, Stat Membru jsib li għalkemm l-imballaġġ ikun f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11, joħloq riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem ***u tal-annimali***, dan għandu jirrikjedi mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri kollha xierqa f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u li jkunu proporzjonati għan-natura tar-riskju u, meta rilevanti, il-grad tar-riskju, biex jiżgura li l-imballaġġ ikkonċernat, meta introdott fis-suq, ma jibqax joħloq riskju, biex jirtira l-imballaġġ mis-suq jew isejjħu lura.<br>***Matul l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw l-oġġezzjonijiet imqajma mill-operaturi ekonomiċi.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'każ ta' riskju li jkun hemm tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem b'rabta mal-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv soġġett għal-leġiżlazzjoni speċifika li għandha l-għan li tħares is-saħħa tal-bniedem, l-awtoritajiet tas-sorveljanza ma għandhomx jevalwaw ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li joriġina mill-materjal tal-imballaġġ, jekk dan jiġi ttrasferit fil-kontenut fl-imballaġġ tal-materjal tal-imballaġġ, iżda javżaw lill-awtoritajiet kompetenti għall-kontroll ta' dawk ir-riskji**.** Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu l-awtoritajiet kompetenti msemmija fir-Regolament (UE) 2017/625, fir-Regolament (UE) 2017/745, fir-Regolament (UE) 2017/746, fid-Direttiva 2001/83/KE jew fir-Regolament (UE) 2019/6.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'każ ta' riskju li jkun hemm tħassib dwar is-saħħa tal-bniedem b'rabta mal-imballaġġ għall-kuntatt sensittiv soġġett għal-leġiżlazzjoni speċifika li għandha l-għan li tħares is-saħħa tal-bniedem, l-awtoritajiet tas-sorveljanza ma għandhomx jevalwaw ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li joriġina mill-materjal tal-imballaġġ, jekk dan jiġi ttrasferit fil-kontenut fl-imballaġġ tal-materjal tal-imballaġġ, iżda ***mingħajr dewmien mhux dovut*** javżaw lill-awtoritajiet kompetenti għall-kontroll ta' dawk ir-riskji. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu l-awtoritajiet kompetenti msemmija fir-Regolament (UE) 2017/625, fir-Regolament (UE) 2017/745, fir-Regolament (UE) 2017/746, fid-Direttiva 2001/83/KE jew fir-Regolament (UE) 2019/6.

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***Artikolu 54a***

***L-attivitajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq***

***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli xierqa fit-territorju tagħhom fir-rigward tal-imballaġġ u jistabbilixxu proċeduri għas-segwitu tal-ilmenti jew tar-rapporti dwar kwistjonijiet relatati mar-riskji jew man-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1020.***

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa [***OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 8*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-imballaġġ. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. | Sa **...** [***6*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-imballaġġ. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, l-emenda tar-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u t-tħassir tad-Direttiva 94/62/KE |
| **Referenzi** | COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.3.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>13.3.2023 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 15.6.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Virginie Joron<br>9.2.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 23.5.2023 28.6.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 18.7.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 3<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Kateřina Konečná, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Campomenosi, Pilar del Castillo Vera, Claude Gruffat, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Kosma Złotowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eric Minardi, Paulo Rangel |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 32 | + |
|---|---|
| ID | Virginie Joron, Eric Minardi |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Pilar del Castillo Vera, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Antonius Manders, Paulo Rangel, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann |
| Renew | Andrus Ansip, Sandro Gozi, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose |
| The Left | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Claude Gruffat, Kim Van Sparrentak |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Kosma Złotowski |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ID | Alessandra Basso, Markus Buchheit, Marco Campomenosi |
| Renew | Vlad-Marius Botoş, Svenja Hahn |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni